


**Il-Politika tal-Kompetizzjoni b'sostenn għall-Patt Ekoloġiku**

**Sejħa għal kontribuzzjonijiet**

## Introduzzjoni

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva. L-għan huwa li l-Ewropa tkun l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050, fejn it-tkabbir ekonomiku ma jibqax marbut mal-użu tar-riżorsi. Dawn l-ambizzjonijiet jieħdu saħansitra aktar rilevanza fid-dawl tal-pandemija tal-coronavirus. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pjan ta' rkupru fuq skala kbira għall-Ewropa biex tissewwa l-ħsara ekonomika u soċjali li ġabet magħha l-pandemija u biex l-irkupru Ewropew jingħata spinta 'l quddiem f'konformità mal-għanijiet tat-tranżizzjonijiet tewmin ekoloġiċi u diġitali.

Kif enfasizzat il-Viċi President Eżekuttiv Vestager: "Biex nirnexxu, kulħadd fl-Ewropa se jkollu jagħti sehmu – kull individwu, kull awtorità pubblika. U dan jinkludi lil kull min jinforza l-kompetizzjoni."

L-għan tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE huwa li jippromwovu u jipproteġu l-kompetizzjoni effettiva fis-swieq, u jipproduċu eżiti effiċjenti għall-benefiċċju tal-konsumaturi. Is-swieq kompetittivi jħeġġu lid-ditti jipproduċu bl-inqas kost possibbli, jinvestu b'mod effiċjenti u jinnovaw u jadottaw teknoloġiji aktar effiċjenti fl-enerġija. Pressjoni kompetittiva bħal din hija inċentiv qawwi biex ir-riżorsi skarsi tal-pjaneta tagħna jintużaw b'mod effiċjenti, u tikkomplementa l-politiki u r-regolamentazzjoni ambjentali u klimatiċi maħsuba biex jinternalizzaw il-kostijiet ambjentali. Billi tgħin biex ikun hemm eżiti tas-suq effiċjenti u kompetittivi, il-politika tal-kompetizzjoni tikkontribwixxi għalhekk, minnha nnifisha, għall-effettività tal-politiki ekoloġiċi.

It-tmun tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u tal-ħarsien tal-ambjent ma jinsabx f'idejn il-politika tal-kompetizzjoni. Jeżistu modi aħjar u ħafna aktar effettivi bħar-regolamentazzjoni u t-tassazzjoni. Madankollu, il-politika tal-kompetizzjoni tista' tikkomplementa r-regolamentazzjoni u l-kwistjoni hija kif dan tista' tagħmlu bl-aktar mod effettiv. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni abbażi tal-kompetenzi tagħha skont it-Trattat u l-leġiżlazzjoni sekondarja eżistenti tal-UE, taħt is-superviżjoni mill-qrib tal-Qrati tal-UE. Dan ifisser li, ħlief jekk isiru xi bidliet fil-qafas ġuridiku eżistenti, il-kontribut tal-politika tal-kompetizzjoni għall-Patt Ekoloġiku jista' jsir biss fl-ambitu ta' dawn il-limiti definiti b'mod ċar. .

L-iskop ta' din is-sejħa għal kontribuzzjonijiet huwa li jinġabru ideat u proposti mingħand kull min għandu interess f'din il-kwistjoni, inklużi l-esperti tal-kompetizzjoni, l-akkademiċi, l-industrija, il-gruppi ambjentali u l-għaqdiet tal-konsumaturi. Il-kontribuzzjonijiet se jikkontribwixxu għal konferenza fil-bidu tas-sena d-dieħla li se tiġbor flimkien dawn il-perspettivi differenti.

## Il-Parti 1: il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat

Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jippermettu appoġġ għall-assi prijoritarji tal-Patt Ekoloġiku (id-dekarbonizzazzjoni, l-effiċjenza enerġetika, il-mobilità sostenibbli, l-ekonomija ċirkolari, l-ambizzjoni ta' tniġġis żero). Dawn iffaċilitaw l-investimenti ekoloġiċi filwaqt li llimitaw l-effetti distorsivi tas-sussidji tal-Istat fl-imgħoddi, u bħalissa jinsabu miftuħa għal rieżami biex jiġi kkunsidrat jekk fil-ġejjieni dan

jistax isir saħansitra b'mod aħjar[1]. Dawn ir-rieżamijiet se jkunu l-bażi biex jiġi pprovdut qafas ta' abilitazzjoni kompletament aġġornat biex l-awtoritajiet pubbliċi jikkontribwixxu għall-objettivi tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, filwaqt li jsir użu kemm jista' jkun effiċjenti mill-fondi pubbliċi limitati.

Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat jirrigwarda l-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna mas-suq intern. Il-valutazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna, tradizzjonalment kienet tirrigwarda l-ibbilanċjar bejn l-effetti negattivi tagħha fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni fis-suq komuni u l-effetti pożittivi tagħha f'termini ta' kontribut biex jinkiseb objettiv ta' interess komuni definit sew. L-ibbilanċjar ta' dawn l-effetti jqis l-impatt tal-għajnuna permezz ta' test li tradizzjonalment kien imqassam skont il-kriterji msemmija hawn taħt[2].

- Fil-mira tal-miżura ta' għajnuna jrid ikun hemm objettiv definit sew ta' interess komuni.
- L-għajnuna trid iġġib magħha titjib materjali li ma jistax iseħħ permezz tas-suq innifsu, pereżempju billi tirrimedja falliment tas-suq jew tindirizza tħassib ta' ekwità jew koeżjoni.
- L-għajnuna trid tkun strument ta' politika xieraq biex jindirizza l-objettiv ta' politika kkonċernat.
- L-għajnuna jrid ikollha effett ta' inċentiv, jiġifieri tibdel l-aġir tal-impriża b'tali mod li din tkun involuta f'attività addizzjonali li mingħajr l-għajnuna kieku ma kinitx twettaqha.
- Il-miżura ta' għajnuna trid tkun proporzjonata, jiġifieri limitata għall-minimu neċessarju biex tistimola l-investiment jew l-attività addizzjonali.
- Id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri jridu jkunu limitati tant li l-bilanċ kumplessiv ikun pożittiv.
- L-informazzjoni u d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-għotjiet ta' għajnuna jridu jsiru pubbliċi (trasparenza).

**Bħala input għad-dibattitu dwar kif jaħdmu flimkien il-politika dwar il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat u l-politika ambjentali u tal-klima – u kif dan jistgħu jagħmluh saħansitra aħjar, jekk jogħġbok qis il-mistoqsijiet li ġejjin:**

1. X'inhuma l-bidliet ewlenin li tixtieq tara fil-ġabra ta' regoli attwali dwar l-għajnuna mill-Istat biex jiġi żgurat li din tappoġġa bi sħiħ il-Patt Ekoloġiku? Fejn ikun possibbli, jekk jogħġbok ipprovdi eżempji fejn skontok ir-regoli attwali dwar l-għajnuna mill-Istat ma jappoġġawx biżżejjed l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija u/jew fejn ir-regoli attwali dwar l-għajnuna mill-Istat jippermettu appoġġ li jmur kontra l-objettivi ambjentali.

2. Jekk inti tal-fehma li għall-attivitajiet b'impatt negattiv fuq l-ambjent għandhom jiġu approvati livelli aktar baxxi ta' għajnuna mill-Istat, jew anqas miżuri ta' għajnuna mill-Istat, x'inhuma l-ideat tiegħek rigward dak li għandu jsir?

    a. Għall-proġetti li għandhom impatt negattiv fuq l-ambjent, x'modi jeżistu biex l-Istati Membri jew il-benefiċjarju jtaffu l-effetti negattivi? (Pereżempju: jekk investiment fil-broadband/fis-settur ferrovjarju jista' jkollu impatt fuq il-bijodiversità, kif jista' jiġi

[1] Dawn il-linji gwida u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat se jkunu soġġetti għall-konsultazzjonijiet pubbliċi disponibbli hawnhekk https://ec.europa.eu/competition/consultations/open.html

[2] L-impatt possibbli tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C 594/18 P, L-Awstrija vs Il-Kummissjoni, (minn hawn 'il quddiem "Hinkley Point") tat-22 ta' Settembru 2020 jeħtieġ li jiġi kkunsidrat.

żgurat li tali bijodiversità tiġi ppreżervata matul ix-xogħlijiet; jew jekk impjant tal-idroenerġija jqiegħed il-popolazzjonijiet tal-ħut f'riskju, il-ħut kif jista' jiġi protett?)

3. Jekk inti tal-fehma li għandha titħalla aktar għajnuna mill-Istat biex tappoġġa l-objettivi ambjentali, x'inhuma l-ideat tiegħek dwar kif dan għandu jsir?

   a. Għandu dan jimmaterjalizza billi tiġi permessa aktar għajnuna (jew għajnuna b'termini ffaċilitati) għall-proġetti ta' benefiċċju ambjentali milli għal proġetti ekwivalenti li ma jwasslux għall-istess benefiċċji ("bonus ekoloġiku")? Jekk iva, x'definizzjoni għandha tingħata għal dan il-bonus ekoloġiku?

   b. Il-valutazzjoni ta' bonus ekoloġiku, minn liema kriterji għandha tkun ispirata? Tista' tagħti eżempji konkreti fejn, fil-fehma tiegħek, bonus ekoloġiku jkun ġustifikat, meta mqabbla ma' eżempji fejn ma jkunx ġustifikat? Jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet bħala spjegazzjoni għall-għażla tiegħek.

4. Kif għandna niddefinixxu benefiċċji ambjentali pożittivi?

   a. Għandu jsir b'referenza għat-tassonomija tal-UE[3] u, jekk iva, għandu jsir b'referenza għall-kriterji kollha ta' sostenibbiltà tat-tassonomija tal-UE? Jew inkella kull tip ta' benefiċċju ambjentali jkun biżżejjed?

**Il-Parti 2: ir-regoli tal-antitrust tal-UE**

Ir-regoli tal-antitrust tal-UE jipprojbixxu prattiki antikompetittivi mill-kumpaniji, bħal ftehimiet antikompetittivi jew abbużi minn pożizzjoni dominanti. Ir-regoli tal-antitrust jiġu applikati b'mod parallel mill-Kummissjoni Ewropea, mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u mill-qrati nazzjonali.

Ir-regoli tal-antitrust tal-UE diġà jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku billi jissanzjonaw aġir restrittiv bħal restrizzjonijiet fl-iżvilupp jew fit-tnedija ta' teknoloġiji nodfa jew il-preklużjoni tal-aċċess għall-infrastruttura essenzjali, bħal-linji ta' trażmissjoni tal-enerġija, li huma fundamentali għat-tnedija ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta u sorsi oħra ta' enerġija rinnovabbli. Ir-regoli tal-antitrust tal-UE jikkontribwixxu wkoll għall-objettivi tal-Patt Ekoloġiku billi jiffaċilitaw iċ-ċirkolazzjoni libera tal-enerġija minn fruntiera għall-oħra abbażi tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi tal-enerġija u użu aktar effiċjenti tar-riżorsi naturali. L-azzjoni ta' infurzar b'rabta mat-trasport tista' tikkontribwixxi wkoll għall-ekoloġizzazzjoni tal-industrija u tal-ekonomija.

In-negozji jistgħu jikkontribwixxu għall-Patt Ekoloġiku billi jgħaqqdu l-isforzi tagħhom flimkien biex jagħmlu pass ieħor li jmur lil hinn mill-istandards vinkolanti. Il-ftehimiet ta' standardizzazzjoni ta' sikwit iwasslu għal effetti pożittivi sinifikanti, b'mod partikolari billi jippermettu l-iżvilupp ta' prodotti jew swieq ġodda u mtejba, jew kundizzjonijiet imtejba tal-provvista. Meta jiġu biex jaqblu dwar l-istandards, il-kumpaniji jistgħu jimplimentaw salvagwardji li jiżguraw li l-benefiċċji ta' standard ma jġibux magħhom restrizzjonijiet bla bżonn fuq il-kompetizzjoni sana. Pereżempju, standard għandu jiġi applikat b'mod trasparenti u nondiskriminatorju; għandu jkun aċċessibbli għall-kumpaniji interessati

[3] Ir-Regolament tat-Tassonomija tal-UE (ir-Regolament (UE) 2020/852 tat-18 ta' Ġunju 2020, ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13) jistabbilixxi sistema ta' klassifikazzjoni tal-UE biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli. Fl-ambitu tat-tassonomija tal-UE, il-biċċa l-kbira tal-attivitajiet ekonomiċi se jiġu mgħarbla u l-kriterji se jiġu ddeterminati (dwar il-livell ta' emissjonijiet, ir-rati ta' riċiklaġġ, ir-rekwiżiti ta' ġestjoni tal-ilma, eċċ.) skont il-qasam tal-attività biex jiġi ddeterminat jekk l-attività tistax titqies bħala sostenibbli mill-investituri u mill-maniġers tal-assi. Filwaqt li ma tapplikax għall-għajnuna mill-Istat, il-klassifikazzjoni tista' tipprovdi gwida parzjali dwar l-identifikazzjoni tal-proġetti b'benefiċċji ambjentali għolja jew b'punteġġ għoli ta' sostenibbiltà.

kollha, inklużi dawk li jixtiequ wkoll jużaw standards jew teknoloġiji alternattivi; u ma għandux jippermetti l-iskambju tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva jew jostor l-operat tal-kartells[4].

Il-ftehimiet li fil-mira tagħhom għandhom l-objettivi tas-sostenibbiltà, fil-prinċipju, jistgħu wkoll jibbenefikaw mir-Regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija (BERs - Block Exemption Regulations) tal-Kummissjoni[5] bil-kundizzjoni li ma jkunx fihom restrizzjonijiet ibsin u meta l-ishma mis-suq konġunti tal-partijiet fil-ftehim ma jkunux jaqbżu l-limiti massimi speċifiċi.

Id-dibattitu attwali għandu l-għan li jidentifika jekk għadx fadal ostakli għall-ftehimiet mixtieqa li jappoġġaw l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u jekk iva, kif tali ostakli jistgħu jiġu trattati bl-aħjar mod.

**Bħala input għad-dibattitu dwar kif jaħdmu flimkien il-politika dwar l-antitrust u l-politika ambjentali u tal-klima – u kif dan jistgħu jagħmluh saħansitra aħjar, jekk jogħġbok qis il-mistoqsijiet li ġejjin:**

1. Jekk jogħġbok ipprovdi eżempji reali jew fit-teorija ta' kooperazzjoni opportuna bejn id-ditti biex jappoġġaw l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku li ma setgħux jiġu implimentati minħabba r-riskji relatati mar-regoli tal-antitrust fl-UE. B'mod partikolari, jekk jogħġbok spjega ċ-ċirkostanzi li fihom il-kooperazzjoni, u mhux il-kompetizzjoni, bejn id-ditti twassal għal eżiti aktar ekoloġiċi (pereż. prodotti jew proċessi tal-produzzjoni aktar ekoloġiċi).

2. Għandhom jingħataw aktar kjarifiki u serħan il-moħħ rigward il-karatteristiċi tal-ftehimiet li jservu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku mingħajr ma jirrestrinġu l-kompetizzjoni? Jekk iva, dawn il-kjarifiki f'liema għamla għandhom jiġu pprovduti (linji gwida ġenerali tal-politika, valutazzjoni skont il-każ, komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet tal-infurzar…)?

3. Jeżistu xi ċirkostanzi li fihom il-kisba tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tiġġustifika l-ftehimiet restrittivi lil hinn mill-prattika ta' infurzar attwali? Jekk iva, jekk jogħġbok spjega kif tista' tiġi żviluppata l-prattika ta' infurzar attwali biex tipprovdi għal tali ftehimiet (jiġifieri, liema objettivi tal-Patt Ekoloġiku jkunu jiġġustifikaw trattament speċifiku tal-ftehimiet restrittivi? Kif tista' ssir distinzjoni bejn il-kisba tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u objettivi ta' politika importanti oħra bħall-ħolqien tal-impjiegi jew objettivi soċjali oħra?).

**Il-Parti 3: il-kontroll tal-fużjonijiet:**

Skont ir-Regolament tal-UE dwar il-Fużjonijiet, il-Kummissjoni għandha mandat biex tivvaluta jekk ir-riorganizzazzjonijiet korporattivi, jiġifieri l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet ta' ċertu daqs, ifixklux b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern. Riorganizzazzjonijiet bħal dawn huma ġeneralment aċċettati sakemm ma jwasslux għal effetti dannużi u jikkontribwixxu biex tiżdied il-kompetittività tal-industrija Ewropea, itejbu l-kundizzjonijiet tat-tkabbir u jgħollu l-livell ta' għajxien fl-UE.

Il-Kummissjoni għandha l-kompitu li taċċerta li dawn it-tranżazzjonijiet ma jirriżultawx, iżda, f'dannu permanenti għall-kompetizzjoni fis-suq intern. Fużjoni tista' tirriżulta fi ħsara permanenti għall-

[4] Ara l-Linji Gwida dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-akkordji dwar kooperazzjoni orizzontali, ĠU C 11/1 ta' 14.1.2011 (Linji Gwida dwar il-Kooperazzjoni Orizzontali), il-paragrafi 280-283 u l-para. 293.

[5] Ir-Regolament tal-Kummissjoni 330/2010 tal-20 ta' April 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiċi miftiehma.
ĠU L 102, 23.4.2010, pp.1-7; ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1217/2010 tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp, ĠU L 335, 18.12.2010, p. 36; ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1218/2010 tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' akkordji ta' speċjalizzazzjoni
ĠU L 335, 18.12.2010, p. 43.

kompetizzjoni, pereżempju billi tneħħi r-restrizzjonijiet kompetittivi bejn id-ditti. B'mod partikolari, il-fużjonijiet jistgħu jeliminaw il-pressjoni bejn id-ditti biex jinnovaw fir-rigward tal-aspetti tas-sostenibbiltà ta' xi prodotti jew proċessi ta' produzzjoni, speċifikament fi swieq fejn dawn tal-aħħar huma fattur importanti tal-kompetizzjoni.

Il-preferenzi tal-konsumaturi huma aspett ewlieni fil-valutazzjoni tal-effetti ta' fużjoni, f'termini kemm tal-identifikar tas-swieq tal-prodotti rilevanti kif ukoll tal-analizzar tal-portata tal-kompetizzjoni tal-kumpaniji f'fużjoni bejniethom stess u kontra ditti oħra. Illum il-ġurnata, il-kunsiderazzjonijiet ambjentali u ta' sostenibbiltà għandhom rwol kulma jmur dejjem akbar f'dan ir-rigward.

Id-definizzjoni tas-swieq hija għodda li tidentifika u tiddefinixxi l-ispazji li fihom jikkompetu d-ditti. Id-delinjament tas-swieq f'termini ta' dimensjonijiet tal-prodott kif ukoll ġeografiċi jippermetti li jiġi stabbilit il-qafas ta' valutazzjoni tal-impatt ta' tranżazzjoni fuq il-kompetizzjoni u l-benesseri tal-konsumatur.[6] Suq tal-prodotti rilevanti jinkludi dawk il-prodotti u/jew servizzi kollha li jitqiesu bħala interkambjabbli jew sostitwibbli mill-konsumatur, minħabba l-karatteristiċi tal-prodotti, il-prezzijiet tagħhom u l-użu maħsub tagħhom. F'dan ir-rigward, il-karatteristiċi li jiffavorixxu l-ambjent jew il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-prodott jistgħu jiġu assoċjati ma' kwalità ogħla tal-prodott u jikkostitwixxu fattur ta' differenzjazzjoni f'għajnejn il-konsumaturi.

Ir-riċerka u l-avvanzi fit-teknoloġija huma fundamentali għall-progress ekonomiku. L-għan tal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli jirrikjedi l-protezzjoni u t-tħeġġiġ tal-innovazzjoni, sabiex id-ditti joħorġu b'teknoloġiji, prodotti jew know-how ġodda u aħjar li jistgħu jgħinu, pereżempju, biex jitnaqqsu l-livelli tal-emissjonijiet jew biex ikun hemm titjib ieħor fis-sostenibbiltà jew fl-ambjent. Il-kontroll tal-fużjonijiet jiżgura li ma jkun hemm l-ebda telf ta' innovazzjoni kaġun tal-fużjonijiet bejn ir-rivali, li altrimenti jkomplu jkunu ta' benefiċċju.

**Bħala input għad-dibattitu dwar kif jaħdmu flimkien il-politika dwar il-fużjonijiet u l-politika ambjentali u tal-klima – u kif dan jistgħu jagħmluh saħansitra aħjar, jekk jogħġbok qis il-mistoqsijiet li ġejjin:**

1. Għandek f'moħħok xi sitwazzjonijiet fejn fużjoni bejn id-ditti tista' tkun ta' dannu għall-konsumaturi billi tnaqqas l-għażla tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti u/jew teknoloġiji li jiffavorixxu l-ambjent?

2. Inti tal-fehma li l-infurzar tal-fużjonijiet jista' jikkontribwixxi aħjar għall-protezzjoni tal-ambjent u l-objettivi għas-sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku? Jekk iva, jekk jogħġbok spjega kif?

**Aspetti prattiċi:**

Dan id-dokument fih għadd ta' mistoqsijiet, miġbura fi tliet partijiet – kull waħda tkopri wieħed mit-tliet strumenti tal-liġi tal-kompetizzjoni: l-antitrust, il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat u l-kontroll tal-fużjonijiet.

Fil-kontribuzzjonijiet tiegħek, għandek l-għażla li twieġeb għall-partijiet kollha jew għal ċerti partijiet jew mistoqsijiet biss. Meta tkun qed twieġeb, jekk jogħġbok qis li t-tweġiba tiegħek ikollha x'taqsam eżatt mal-mistoqsija kkonċernata. Jekk jogħġbok ipprovdi eżempji konkreti kif ukoll ikkwantifika fejn ikun possibbli.

F'każ li l-kontribut tiegħek jaqbeż l-20 paġna, jekk jogħġbok żid sommarju eżekuttiv.

---

[6] Ara l-gwida li tinsab fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità (Il-Ġurnal Uffiċjali C 372 ta' 9.12.1997).

Jekk jogħġbok ibgħat il-kontribuzzjonijiet tiegħek lil COMP-GREEN-DEAL@ec.europa.eu sal-20 ta' Novembru 2020.

Jekk jogħġbok ipprovdi biss informazzjoni mhux kunfidenzjali.